MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 55/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Sciberras)**
**Vs**
**Ivan Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Frar 2003, f'Hal Lija,

1. ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom compact disks minn vettura ta' ghamla Honda Civic, numru tar-registrazzjoni BBI 525, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura ta' l-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' Christopher Parnis;
2. nhar il-25 ta' Jannar 2003, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom cwievet u dokumenti minn vettura ta' l-ghamla Isuzu Wizard, numru ta' registrazzjoin WIZ 100, liema serq huwa

kkwalifikat bin- natura ta’ l-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta’ Edwin Borg;
3. minn garage sitwat fi Triq Pierre Muscat, fir-Rabat, Malta, f’xi hin matul il- lejl bejn l-24 u l-25 ta’ Frar 2003, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), u ma jaqbizx l-elf Lira Maltin (Lm1000), u sar ghad-dannu ta’ Ignazio Lima;
4. nhar il-25 ta’ Frar 2003, u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, xjentement b’kull mod li jkun, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
5. rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
6. ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil- perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva w datata 4 ta’ Settembru 2001.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Frar, 2008, li biha, sabet lill-appellat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, lliberatu mir-raba’ akkuza stante li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, mhux hati tas-sitt akkuza li minnha lliberatu, w wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 279, 280, 49, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 7(a)(b)(c) tal-Kap 446, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlitt snin. Inolte qeghditu taht “supervision suspended order” ghal perjodu ta’ tlitt snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Inoltre qeghditu taht “treatment order” fl-Istituti addetti mas-Sedqa ghal perjodu ta’ tlitt snin, u dan sabiex l-appellat jibqa’ jzomm kuntatt u jattendi “out patients sessions” ma’ l-istess istituzzjoni ghall-perjodu msemmi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Genrali minnu pprezentat fid-29 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha

tirriforma s-sentenza billi tikkonferma l-htija tal-ewwel tlett akkuzi dedotti kontra l-appellat u tal-liberatorja, ghar-ragunijiet imsemmijin mill-Ewwel Qorti, tar-raba’ w tas-sitt akkuzi filwaqt li thassar dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-piena moghtija partikolarment dik il-parti fejn hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 28A u 28G u fejn il-Qorti naqset milli tapplika l-artikoli 50 u 289 u minflok timponi l-piena mehtiega ai termini tal-ligi fic-cirkostanzi tal-kaz u in vista tal-ammissjoni tal-ewwel tlett akkuzi tal-appellat u tas-sejbien ta’ htija tar-recidiva ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma li fl-ewwel lok trattandosi ta' ammissjoni ta' reati ta' serq, l-akkuza koncernanti r-recidiva kienet titlob l-applikazzjoni tal-artikolu 289. L-addebitu tar-recidiva gie pruvat u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-provvediment tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Inoltre l-Ewwel Qorti zbaljat meta eskludiet l-applikazzjoni tal-artikolu 289 li gie debitament mitlub mill-prosekuzzjoni. Li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tat sentenza sospiza kif ghamlet skond l-artikolu 28(7) (b) tal-Kodici Kriminali ladarba l-appellat kien recidiv ai termini tal-artikolu 50. Lanqas ma setghet tapplika l-artikolu 28G in vista tar-recidiva w peress li l-ahhar artikolu japplika fil-kaz meta tinghata sentenza sospiza ta' aktar minn sitt xhur.

Rat il-verbal li bih l-Avukat Difensur, Dr. Joseph Brincat, eccepixxa preliminarjament in-nullita' tal-appell tal-Avukat Generali stante li qed tintalab konferma dwar l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba w s-sitt akkuza, fil-waqt li dwar il-hames akkuza la ntalbet il-konferma w lanqas ir-revoka.

Semghet it-trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali,

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari tad-difiza.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellat kien gie akkuzat bi tlitt kazijiet ta' serq fl-ewwel tlitt imputazzjonijiet rispettivament, b' ricettazzjoni fir-raba imputazzjoni , bl-addebitu tar-recidiva , kif ukoll li kkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Hu kien instab hati tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva . Gie liberat mir-raba' imputazzjoni ta' ricettazzjoni ghax din kienet imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel tlitt imputazzjonijiet, kif ukoll gie liberat mill-addebitu li kkommetta diversi reati fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Illi fl-ahhar paragrafu tar-rikors tal-appell tieghu l-Avukat Generali wara li talab ir-riforma tas-sentenza appellata, talab il-konferma tal-htija tal-ewwel tlitt akkuzi u tal-liberatorja (Sic!) tar-raba' u tas-sitt akkuza (Sic!) *"filwaqt illi thassar dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-piena moghtija partikolarment dik il-parti fejn hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 28A u 28G u fejn il-Qorti naqset milli tapplika l-artikoli 50 u 289 u minflok timponi l-piena mehtiega…."*

Ghal xi raguni, pero', w x' aktarx bi zvista, ma ntalbitx ukoll il-konferma tad-dikjarazzjoni ta' htija tar-recidiva kontenuta fil-hames addebitu dedott kontra l-appellat.

Il-kwistjoni li trid tigi deciza f' dan l-istadju hi biss jekk dan jirrendix ir-rikors tal-appell null.

Issa l-gurisprudenza kopjuza li tittratta n-nullita' tar-rikors tal-appell minnhabba xi difett jew nuqqas tieghu, tittratta il-kazijiet meta ma jkunux issemmew il-fatti fil-qosor , meta ma jkunux issemmew ir-ragunijiet tal-appell u meta minnflok ma tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata, tkun intalbet ir-revoka taghha jew vice versa, rekwiziti indispensabbli "*ad validitatem*" kontenuti fl-artikolu 419 (1) (a) (b) u (c) tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz tar-rikors odjern dawn ir-rekwiziti kollha gew sodisfatti w nsibu kemm il-fatti migbura fil-qosor, ir-

ragunijiet tal-appell u talba ghar-riforma tas-sentenza kif suppost kellu jsir.

Issa minkejja li r-rikors tal-Avukat Generali huwa imsejjes kollu kemm hu fuq l-applikazzjoni tar-recidiva u kif din kienet timpedixxi lill-Ewwel Qorti milli tapplika l-provvedimenti tas-sentenza sospiza u *supervision suspended order* fil-konfront tal-appellat, meta l-appellant gie biex jelenka il-partijiet mis-sentenza li ried li jigu konfermati, halla barra, kif gja intqal, id-dikjarazzjoni ta' htija tal-addebitu tar-recidiva mill-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn emfasizzat li t-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, fejn si tratta ta' tibdil jew riforma tas-sentenza appellata, trid tindika x' ghandu jigi konfermat u x' ghandu jigi revokat. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Bonnici"** [20.10.2005 u ohrajn)

Illi fis-sentenza taghha : **"Il-Pulizija vs. Jurgen Xerri"** [24.10.2007], din il-Qorti (diversament preseduta) kienet *"ex officio"* iddikjarat irritu w null appell tal-Avukat Generali ghaliex l-appellant, ghalkemm kien talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija izda billi tirrevoka l-ordni ta' probation u tinfliggi piena karcerarja effettiva, dwar l-imputazzjoni li dwarha l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha ma kien qal xejn fir-rikors tal-appell tieghu.

F' dik is-sentenza gie ukoll ritenut illi:-

*"…l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f' kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha w fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena."*
*"Fil-kaz in ezami, l-appellant naqas milli jitlob li din il-qorti tikkonferma jew tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu*

<u>*konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni …Konsegwentement ir-rikors huwa evidentement irritu w null*</u>." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi f' sentenza aktar recenti fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Russell Bugeja**" [29.2.2008] din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. DeGaetano rriteniet li :-

"*Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu l-massimi* ***interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat*** *u* ***benedicta est expositio quando res redimitur a destructione****…… ghall-finijiet ta' l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 ma hemmx ghalfejn li fit-talba tigi indikata d-disposizzjoni tal-ligi li tkun tikkontempla r-reat li l-appellant ikun qed jitlob li jigi liberat minnu jew, meta l-appell ikun tal-prosekuzzjoni, li tkun tikkontempla r-reat li tieghu l-Avukat Generali ikun qed jitlob li l-appellat jinstab hati tieghu.* <u>***Dak li hu neccessarju hu li jkun hemm talba jew ghat-tahsir tas-sentenza, jew ghat-tibdil taghha, u f'din it-tieni ipotesi ghandu jigi indikat sew kif ikun qed jigi propost li s-sentenza tinbidel ossia tigi riformata jew varjata, fis-sens li ghandu jigi ndikat liema parti taghha ghandha tibqa' fis-sehh u liema parti ghandha tinbidel.***</u> *Ir-rikors odjern jaghmel dan kollu. …... Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemm ebda nullita` fir-rikors ta' appell."* (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)

*Arguendo a contrario sensu,* la f' dan il-kaz, trattandosi wkoll ta' talba ghal riforma tas-sentenza appellata, ma giex indikat <u>b' mod komplet</u> *"liema parti taghha ghandha*

*tibqa' ssehh u liema parti ghandha timbidel"* jigi li r-rikors tal-Avukat Generali ghandu jigi meqjus bhala proceduralment u legalment monk u kwindi null u bla effett.

Ghal dawn l-motivi w fid-dawl ta’ din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika, din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellat w tiddikjara r-rikors tal-appell irritwali w null w konsegwentement qed tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------